MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 202/2007

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Impediment tat-Tluq ta' Bastiment Numru 119/07 fl-ismijiet:**

**Rosiella DIMECH**

**vs**

**IL-*FERRET CRAFT ALTURA* 40 jisimha "*Blu*" u għandha n-numru tar-reġistrazzjoni S-4965**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, Carmel Dimech talab li din il-Qorti tiddeċiedi b'urġenza, u wara li ssejjaħ smigħ quddiemha, t-talbiet tiegħu u (a) tiddikjara ma jiswiex il-Mandat ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment fuq imsemmi, (b) tinforza kontra l-intimata eżekutanti d-

dispożizzjonijiet tal-artikoli 864, 865 u 866 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (ċ) f'każ li l-intimata eżekutanti tonqos li twettaq il-ħlasijiet imsemmija fiż-żmien lilha mogħti, tħassar l-imsemmi Mandat. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2007, u ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti Rosiella Dimech fit-18 ta' Mejju, 2007, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, warrbet għal kollox it-talbiet tar-rikorrent;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2007, li bih l-avukati tal-partijiet talbu lill-Qorti tagħtihom ftit taż-żmien bil-ħsieb li l-partijiet jippruvaw jaslu għal xi arranġament bejniethom barra l-Qorti;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-13 ta' Ġunju, 2007;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-26 ta' Ġunju, 2007, li bih il-partijiet għarrfu lill-Qorti li ma kienx intlaħaq qbil dwar arranġament bonarju u talbu lill-Qorti tkompli tisma' l-każ;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata eżekutanti fis-27 ta' Ġunju, 2007;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent fil-31 ta' Lulju, 2007 u d-dokumenti mehmużin miegħu;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrent – sid ta' *motor yacht* mixtrija minnu matul iż-żwieġ tiegħu mal-intimata eżekutanti – irid li l-Qorti ssib li Mandat ta' Impediment ta' Tluq maħruġ kontra l-istess *motor yacht* ma jiswiex għaliex hemm nuqqasijiet li jagħmlu l-istess Mandat null. Irid ukoll li, f'każ li l-Qorti ma tilqax dik it-talba, l-eżekutanti martu tkun kundannata tħallas penali u tressaq garanzija kif mitlub mil-liġi, u jekk kemm-il darba tonqos, l-Qorti tiddikjara li l-Mandat jitħassar;

Illi l-intimata eżekutanti tilqa' għal dawn it-talbiet billi tgħid li l-Mandat inħareġ sewwa u ma hemm l-ebda nuqqas fih. Iżżid tgħid ukoll li hija kellha kull jedd li toħroġ dak il-Mandat u oħrajn miegħu biex tkun tista' tħares il-jeddijiet tagħha fil-proċeduri li hija bdiet għall-firda personali minn ma' żewġha r-rikorrent. Tiċħad li hija talbet il-ħruġ tal-Mandat għal raġunijiet fiergħa jew biex sempliċement iddejjaq, u qalet ukoll li ladraba r-rikorrent għandu l-ġid kollu tal-komunjoni fil-kontroll tiegħu, lanqas kieku kellha tiġi ordnata biex tressaq garanzija ma għandha minn fejn tagħmel dan;

Illi għal dak li huwa strettament rilevanti dwar il-proċedura tal-lum, bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li r-rikorrent iżżewweġ lill-intimata eżekutanti fl-1990. Meta żżewġu, r-rikorrent kien diġa' armel b'tifel; l-intimata eżekutanti kellha sbatax-il sena. Iż-żwieġ tagħhom hu regolat bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti. Miż-żwieġ tal-partijiet twieldu żewġt itfal oħrajn (subien) li llum għadhom taħt l-eta'. Fl-1996, ir-rikorrent xtara l-bastiment mertu tar-rikors. Il-bastiment hu reġistrat f'ismu u dwaru r-rikorrent ħareġ polza ta' assikurazzjoni[1];

Illi fid-9 ta' Marzu, 2007, l-intimata ressqet ittra fir-Reġistru ta' din il-Qorti[2] biex tibda l-proċeduri għall-firda personali minn mar-rikorrent. Fit-2 ta' Mejju, 2007, l-intimata talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat mertu tal-kwestjoni[3]. Dak inhar ukoll, l-intimata talbet u kisbet il-ħruġ ta' żewġ Mandati

[1] Paġġ. 41-3 tal-atti
[2] Nru. 233/07MSV, f'paġ. 46 tal-atti
[3] Paġġ. 9 sa 12 tal-atti

kawtelatorji oħrajn dwar l-istess kawżali[4]. Fit-13 ta' Ġunju, 2007, din il-Qorti (diversament presjeduta) awtorizżat b'degriet lill-intimata biex tibda l-kawża għall-firda personali minn mar-rikorrent[5], liema kawża tressqet b'rikors maħluf fis-26 ta' Ġunju, 2007[6];

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jolqtu din il-kwestjoni f'dan il-każ jinqasmu fi tnejn. Fl-ewwel lok hemm it-talbiet li jridu li l-Mandat jitqies ma jiswiex; fit-tieni lok, u b'mod sussidjarju, hemm it-talbiet għall-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas tal-penali jew għall-għoti tal-garanzija, sakemm il-Mandat jibqa' fis-seħħ jew għat-tħassir tal-mandat jekk kemm-il darba dik il-penali ma titħallasx jew dik il-garanzija ma tingħatax fiż-żmien li tagħti l-Qorti;

Illi **dwar it-talbiet li jolqtu s-siwi tal-Mandat**, ir-rikorrent jiġborhom taħt tliet irjus: (a) nullita' minħabba d-data li fiha l-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat; (b) nullita' minħabba l-fatt li l-Mandat inħareġ kontra l-bastiment u mhux kontra sidu (r-rikorrent); u (ċ) nullita' minħabba li l-Mandat inħareġ meta ma kienx hemm kawża pendenti u lanqas tressqet kawża saż-żmien li trid il-liġi wara l-ħruġ tal-Mandat;

Illi dwar in-nullita' tal-Mandat minħabba d-data li fiha l-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat r-rikorrent jirreferi għall-fatt li taħt il-firma tal-imħallef li laqgħet it-talba u ordnat il-ħruġ tal-Mandat hemm id-data "2.5.03". Huwa jgħid li ladarba l-Mandat tressaq din is-sena, id-data żbaljata miktuba mill-imħallef li laqgħet it-talba ġġib l-istess Mandat fix-xejn għaliex id-data li fiha jintlaqa' Mandat hija element rilevanti tal-istess Mandat;

Illi l-Qorti tqis li dan l-argument tar-rikorrent m'huwa bl-ebda mod mistħoqq. Għall-finijiet tas-siwi formali ta' Mandat, il-liġi tisħaq dwar il-firma tal-imħallef li jkun ordna l-ħruġ tiegħu[7]. Id-data m'hijiex imsemmija fil-liġi,

---

[4] Qbid 118/07, f'paġġ. 13-6 tal-atti (b'esekuzzjoni fuq il-bastiment) u Sekwestru 120/07, f'paġġ. 17-20 tal-atti
[5] Paġ. 47 tal-atti
[6] Rik. 278/07JA
[7] Proviso tal-art. 831(4) tal-Kap 12

għalkemm l-aċċertament tad-data meta jkun inħareġ il-Mandat li jkun huwa aspett essenzjali. Iżda d-data tal-Mandat mertu tal-każ hija, fil-fatt u bla riferenza għad-data miktuba mill-imħallef li laqgħu, aċċertabbli b'mod determinanti kemm fuq il-parti li tirreferi għar-rikors, u kif ukoll għall-parti li fiha l-ordni lill-Marixxall biex jesegwixxi l-Mandat. Huwa evidenti li d-data miktuba mill-imħallef hija frott ta' żelqa tal-pinna, u ma jistax ikun mod ieħor għaliex dik id-data ma tista' tkun qatt antecedenti l-jum li fih il-Mandat ikun tressaq (li, f'dan il-każ, hija data meta l-imħallef kien għad jonqosha madwar tliet snin biex tinħatar fil-kariga!);

Illi dwar in-nullita' li l-Mandat inħareġ kontra l-bastiment u mhux kontra sidu r-rikorrent jgħid li l-liġi tagħna ma tħallix li jinħareġ Mandat kontra "intimat li huwa inanimat". Ir-rikorrent jippretendi li l-Mandat imissu nħareġ kontrih bħala s-sid tal-bastiment għaliex fil-liġi huwa sid il-bastiment li huwa responsabbli minnu. Biex isaħħaħ dan l-argument, huwa jirreferi għall-artikolu 868(2) tal-Kodiċi;

Illi l-Qorti tqis li lanqas fuq dan l-argument ma tista' toqgħod. Il-Mandat li jżomm it-tluq ta' bastiment ma jistax jinħareġ kontra persuna fiżika. Il-liġi nnifisha trid li l-"leġittimu kontradittur" ta' Mandat bħal dan ikun il-bastiment innifsu[8] u dan għaliex bastiment għandu *locus standi judicio* dirett fejn jidħlu ċerti pretensjonijiet[9]. Sidu jew il-kaptan tiegħu jew l-aġent tiegħu jew il-persuna li tkun qegħda tieħu ħsiebu għandhom jedd biss li jkunu notifikati b'kopja tal-Mandat[10]. Band'oħra, l-liġi tirreferi għall-"persuna li kontra l-bastiment tagħha jew biċċa tal-baħar ikun ġie maħruġ il-mandat"[11], liema kliem huwa ċar ħafna biex juri li s-suġġett passiv ta' mandat bħal dan huwa l-bastiment u mhux sidu;

Illi l-artikolu 868 jitkellem dwar Mandat maħruġ biex jassigura l-esekuzzjoni ta' sentenza, u jirreferi għal dak li huwa meħtieġ biex jitħassru l-effetti ta' Mandat bħal dak.

[8] Artt. 856 u 181A(3) tal-Kap 12
[9] Ara, per eżempju, Kumm. **15.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Bajada noe vs Xuereb noe et*** (Kollez. Vol: **XLII.iii.1171)**
[10] Art. 857 tal-Kap 12
[11] Art. 866 tal-Kap 12

F'każ bħal dak, il-liġi tgħabbi lid-debitur li jkun irid jeħles mill-effetti tal-Mandat (liema debitur jista' jkun il-bastiment innifsu) li jressaq ukoll depożitu jew garanzija xierqa, flimkien ma' mandatarju biex iżomm il-ġudizzju sħiħ (integrita' tal-ġudizzju). Għalhekk ma jgħoddx għal Mandat bħal dan li għandna quddiemna llum, fejn il-pretensjoni għadha ma ġietx konfermata b'ġudikat u fejn il-bastiment jinsab f'Malta sewwasew minħabba l-Mandat;

Illi dwar in-nullita' minħabba li l-Mandat nħareġ meta ma kienx hemm kawża u meta l-ebda kawża ma nfetħet fiż-żmien stabilit wara li nħareġ il-Mandat, ir-rikorrent jirreferi għall-fatt li sat-2 ta' Mejju, 2007, l-intimata kienet talbet biss b'ittra li jinbdew proċeduri għal medjazzjoni. Ir-rikorrent jisħaq li f'każ bħal dan jgħodd l-artikolu 867 tal-Kodiċi tal-Proċedura, u jissottometti li ladarba sa għeluq sitt ijiem minn mindu nħareġ il-Mandat l-intimata eżekutanti ma kinitx bdiet il-kawża, allura l-Mandat jaqa';

Illi fis-sewwa, dan l-argument tar-rikorrent ma jolqotx is-siwi tal-Mandat, imma l-effikaċja tiegħu wara ċertu żmien. Lanqas l-imsemmi artikolu ma jgħid li l-Mandat ma jkunx jgħodd, imma li l-Mandat ma jibqax iseħħ. Att ġudizzjarju li ma jkunx jiswa, ma jkun jiswa qatt; imma att ġudizzjarju li ma jibqax jgħodd ifisser li għal xi żmien kien jiswa u mbagħad għal xi raġuni partikolari ma baqax jiswa. Din hija differenza fundamentali li jkun tajjeb li wieħed iżommha ċara f'moħħu. F'każ bħal dak, min ikun talab il-ħruġ tiegħu u jonqos li jagħmel il-kawża għall-kanonizżazzjoni tal-kreditu jew bil-pretensjonijiet tiegħu fiż-żmien preskritt ikun passibbli għad-danni u l-imgħaxijiet;

Illi l-liġi taħseb biex Mandat ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment jista' jinħareġ kemm qabel ma tkun infetħet kawża fil-mertu dwar il-pretensjoni jew kreditu kawtelat[12], kemm jekk il-kawża tkun infetħet imma għadha ma nqatgħetx[13], u kif ukoll fejn il-kreditu jew pretensjoni jkunu

[12] Art. 867 tal-Kap 12
[13] Art. 863 tal-Kap 12

kanonizzati b'sentenza[14]. F'kull każ, il-pretensjoni trid tkun taqbeż it-Lm 3,000[15];

Illi r-rikorrent jgħid li l-intimata eżekutanti ma fetħitx kawża fi żmien xieraq minn mindu nħareġ il-Mandat. Min-naħa tagħha, l-intimata tgħid li hija kienet bdiet il-proċedura għall-firda ġimgħat qabel ma talbet il-ħruġ tal-Mandat u, f'kull każ, ma setgħetx tottempera ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 867 tal-Kodiċi, għaliex hija setgħet biss tiftaħ il-kawża għall-firda personali minn mar-rikorrent wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni biex tagħmel dan min-naħa tal-Qorti;

Illi r-rikorrent jgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 867 tal-Kodiċi huwa wieħed tassattiv u li huwa evidenti li l-intimata eżekutanti ma kinitx għadha ressqet l-azzjoni għall-firda personali sa sitt ijiem minn mindu nħareġ il-Mandat. Din il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-argument tar-rikorrent u dan għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, iż-żmien imsemmi fl-artikolu 867 m'huwiex wieħed perentorju, u jista' saħansitra jittawwal bil-kunsens ta' sid il-bastiment, il-kaptan tiegħu, kull persuna oħra li jkollha l-inkarigu tiegħu jew tal-aġent tal-bastiment. F'dan il-każ, ma kienx hemm kunsens bħal dan, imma l-prinċipju jibqa' bla mittiefes. Fit-tieni lok, it-talba tal-Mandat saret fil-qafas ta' proċedura li l-intimata eżekutanti bdiet quddiem din il-Qorti biex tikseb il-firda personali minn mar-rikorrent. F'dan il-każ, jidħol applikabbli r-Regolament 4(13) tal-Avviż Legali 397 tal-2003, li jipprovdi għall-ħruġ ta' mandat fuq talba ta' kull waħda mill-partijiet li tkun għaddejja minn "proċeduri ta' konċiljazzjoni, medjazzjoni, jew stadji ta' qabel jew matul is-smigħ tal-kawża" tal-firda personali u sakemm idum għaddej dak l-istadju (jiġifieri, tista' tgħid, mill-bidu nett tal-proċedura partikolari sat-tmiem tal-kawża);

Illi r-rikorrent jgħid li dak il-provvediment ma jwaqqax is-saħħa tar-regola ġenerali tal-artikolu 867 tal-Kodiċi. Il-Qorti ma taqbilx ma' sottomissjoni bħal din. Fil-fehma tagħha, id-dispożizzjoni tal-imsemmi Avviż Legali maħruġ taħt is-setgħat ewlenin tal-liġi prinċipali (jiġifieri l-Kapitolu

[14] Artt. 862 u 868 tal-Kap 12
[15] Art. 861 tal-Kap 12

12) iridu jinqraw flimkien ma' tali liġi, u jikkostitwixxu l-*lex specialis* li għaliha jagħmlu l-wisgħa d-dispożizzjonijiet tal-*lex generalis*;

Illi, fil-każ partikolari, jirriżulta li hekk kif l-intimata eżekutanti ngħatat l-awtoriżżazzjoni biex tressaq il-kawża għall-firda personali, dan għamlitu fiż-żmien mogħti lilha fl-istess degriet;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ebda waħda mir-raġunijiet imressqa mir-rikorrent ma jwassluha biex issib li l-Mandat maħruġ kien null jew bla ebda siwi;

Illi **dwar it-talbiet l-oħrajn tar-rikorrent** għandu jingħad li r-rikorrent qiegħed jitlob l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet partikolari kontra l-intimata eżekutanti. Dawn is-sanzjonijiet huma maħsuba mil-liġi speċifikatament għall-Mandat ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment u huma b'żieda ma' sanzjonijiet oħrajn li jistgħu jintalbu skond il-liġi fil-każ tal-mandati kawtelatorji l-oħrajn. Is-sanzjonijiet li r-rikorrent qiegħed jitlob huma dawk tal-kundanna għall-ħlas ta' penali, danni u mgħaxijiet u wkoll għall-għoti ta' garanzija biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-imsemmija penali, danni u mgħaxijiet;

Illi bil-liġi[16] l-ħlas tal-penali jista' jkun ordnat fil-każ fejn min talab il-ħruġ tal-Mandat ikun għamel hekk b'qerq. Iżda fejn mandat ikun inkiseb bla mistħoqq (inġustament), il-liġi tagħti wkoll lil dik il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ il-Mandat il-jedd li titlob il-kundanna għad-danni u l-imgħaxijiet mingħand min ikun ħareġ il-Mandat, b'żieda mal-penali[17]. Fil-każ ta' dan il-Mandat, il-penali ma tkunx anqas minn tlitt elef lira Maltija (Lm 3,000), filwaqt li, fil-każ ta' Mandati kawtelatorji l-oħrajn jidher li l-ogħla somma ta' penali hija tlitt elef lira (Lm 3,000)[18];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat

[16] Art. 864 moqri flimkien mal-art. 836(8) tal-Kap 12
[17] Art. 865 tal-Kap 12
[18] Art. 836(8) tal-Kap 12

kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[19]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qiegħed isejjes i-pretensjoni tiegħu fuq waħda minnhom, jiġifieri dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12. Ir-rikorrent jorbot din il-kawżali mal-eżistenza ta' qerq fil-ħsieb tal-intimata eżekutanti meta talbet il-ħruġ tal-Mandat;

Illi biex jista' jingħad li Mandat inħareġ b'qerq irid ikun hemm ċirkostanzi serji u ċari li juru li min talab il-ħruġ ta' Mandat għamel dan meta kien jaf li Mandat bħal dak ma kellux għalfejn jintalab jew meta r-raġunijiet miġjuba biex joħroġ il-Mandat kienu fiergħa. Dawn ir-raġunijiet jgħoddu minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, tqies li jkun hemm lok għall-penali jekk il-Mandat jinħareġ f'qorti li ma tkunx kompetenti tisma' l-kawża jew fejn il-kwestjoni ma tkunx taqa' fil-kompetenza tagħha[20];

Illi r-rikorrent jgħid li l-Mandat inħareġ b'qerq mill-intimata eżekutanti u għalhekk jistħoqqilha tkun kundannata tħallsu penali li minn tal-anqas tkun ta' tlitt elef lira Maltin (Lm 3,000). Ir-rikorrent jgħid li l-qerq joħroġ mill-fatt li l-intimata tiddikjara li l-kreditu li hija tippretendi bis-saħħa tal-Mandat huwa dak ta' ħamsin elf lira maltin (Lm 50,000) bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-bastiment kollu kemm hu u fl-istat li jinsab fih illum jiswa madwar ħamsa u erbgħin elf lira Maltin (Lm 45,000) u għalhekk sehemha ma jistax jaqbeż in-nofs ta' dak il-valur;

Illi l-Qorti ma kienx ikollha dubju dwar is-siwi tal-argument tar-rikorrent li kieku l-bastiment kien l-assi waħdien tal-komunjoni tal-akkwisti. Imma mill-atti nfushom (u mis-sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent innifsu) joħroġ li l-

[19] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[20] Kumm. **4.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Castorina vs Turco*** (Kollez. Vol: **XXXIII.iii.499**)

partijiet ilhom miżżewġin qrib sbatax-il sena u r-rikorrent stqarr li ilu dawn is-snin kollha jeżerċita kummerċ u jħabrek b'ħiltu kollha biex imexxih 'il quddiem. Dan ifisser li l-ġid li nġema', wkoll jekk bil-ħidma tiegħu biss, jisboq sewwa l-valur tal-bastiment mertu tar-rikors. L-intimata eżekutanti tistma s-sehem tagħha minn dan il-ġid fis-somma ta' ħamsin elf lira Maltija (Lm 50,000). Din ma tidhirx li hija somma irraġonevoli. Min-naħa l-oħra, ladarba l-Mandat li nħareġ kien dak ta' żamma ta' tluq tal-bastiment, ma setax ikun hemm oġġett ieħor (jekk mhux bastiment ukoll) li fuqu setgħet tintalab l-eżekuzzjoni ta' Mandat bħal dak;

Illi minħabba f'hekk il-Qorti tasal għall-fehma li minn dan li jidher mill-atti ebda element ta' qerq ma joħroġ mill-fatt li l-intimata talbet il-ħruġ tal-Mandat fuq l-ammont fih imsemmi;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li hija mistħoqqa t-talba tar-rikorrent għall-impożizzjoni ta' penali fuq l-intimata eżekutanti;

Illi dwar it-talba tar-rikorrent għall-kundanna tal-ħlas tad-danni u l-imgħaxijiet wieħed irid jara x'tgħid il-liġi dwar ċirkostanza bħal din. L-artikolu 865 jitkellem dwar iċ-ċirkostanza ta' Mandat "miksub inġustament". F'każ bħal dan, il-liġi ma tillimitax iċ-ċirkostanza għall-qerq użat mir-rikorrent eżekutant, imma għal kull ċirkostanza oħra fejn il-Mandat ma jkunx mistħoqq[21] u li dan jagħmlu billi jagħti raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha tapplika tali sanzjoni kontra min ikun talab u kiseb il-ħruġ tal-mandat li jkun;

Illi dan jingħad fid-dawl tal-jedd ta' kull persuna li, raġionevolment, tirrikorri għall-ħarsien tal-qorti. Jgħodd hawnhekk ukoll il-prinċipju li ħadd ma jitqies li jagħmel ħażin jekk jinqeda b'jeddijietu b'qies u b'mod mhux abbużiv[22]. Il-kriterji li kull Qorti jmissha tapplika biex tqis jekk Mandat inħariġx jew le għal raġunijiet raġonevoli u jekk hemmx lok li jittieħdu sanzjonijiet kontra min ikun ħareġ dak il-Mandat jinsabu maġistralment imfissrin fis-

---

[21] Kumm. **31.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Borġ noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1402**)
[22] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-10 ta’ Jannar, 1992, fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri***;

Illi meta wieħed iqabbel dawk il-kriterji mal-fatti li ħarġu s’issa f’dan il-każ wieħed jasal biex jgħid li l-intimata ma nqdietx bil-jedd tagħha b’mod irraġonevoli jew abbusiv. Jirriżulta li bdiet proċedura għall-firda minn ma’ żewġha, jirriżulta li l-kontroll tad-dħul u tal-ġid tal-komunjoni jinsab f’idejn ir-rikorrent, u jirriżulta wkoll li l-pretensjonijiet tagħha jirrigwardaw jedd li l-liġi nnifisha tagħti lil kull persuna marbuta fi żwieġ. Minn dawn il-ħwejjeġ biss ma jista’ bl-ebda mod jingħad li l-intimata eżekutanti ġabet fuqha ċirkostanzi fejn il-Qorti timponilha l-ħlas ta’ danni u tal-imgħaxijiet, għalkemm dan jingħad bla ebda ħsara li r-rikorrent iressaq din it-talba u jingħataw dawn is-sanzjonijiet aktar ’il quddiem jekk joħorġu ċirkostanzi mistħoqqa li, f’dan l-istadju tal-*prima facie* ma jirriżultawx;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti. F’dan ir-rigward, ir-rikorrent jgħid li qiegħed jitlob li l-Qorti tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 866 tal-Kodiċi Proċedurali;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta’ garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f’artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista’ jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b’xi mod għadu fis-seħħ[23];

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera “raġuni tajba” biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt

[23] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "raġuni tajba" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[24]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[25], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[26] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ladarba mill-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel f'din id-deċiżjoni ma joħroġx li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Qorti tieħu kontra l-intimta eżekutanti l-miżuri msemmijin fl-artikoli 864 jew 865, ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' allura tilqa' t-talba tar-rikorrent taħt l-artikolu 866 tal-Kap 12;
Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrent.

Mogħti kameralment illum, is-16 ta' Awissu, 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[24] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[25] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[26] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***